PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 6613

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 359 tat-22 ta' Frar 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**PAKKETT FINANZJARJU U PERKAĊĊI TAL-ĦADDIEMA TAL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA**

**17. L-ONOR LUCIANO BUSUTTIL jistaqsi lill-iSpeaker:** Jista'l-Ispeaker ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra -

- lista ta' persuni impjegati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika flimkien mal-pakkett finanzjarju komplut u perkaċċi relatati ta' kull persuna kemm dawk oriġinali kif ukoll dawk attwali, u l-karigi tagħhom, persuna b'persuna;

- data tal-bidu tal-impjieg;

- il-proċedura li ntużat għall-impjieg;

- f'kull każ, id-dati u l-*media* speċifiċi użati għar-reklamar ta' dawn il-postijiet;

- f'każ li saret sejħa, kemm applikaw persuni għal kull post, l-ismijiet tal-persuni li servew fil-bord tal-għażla, il-kwalifiċi rikjesti għal kull post, f'kull każ, jekk il-persuna magħżula ssodisfatx dawn il-kwalifiċi, u l-ġustifikazzjoni tal-impjieg ta' kull persuna?

17.02.16

**SPEAKER:** Skont l-informazzjoni li s-Sedja rċeviet mingħand l-Awditur Ġenerali, l-Awditur Ġenerali jixtieq jinforma lill-Onorevoli interpellant li ma jħossx li jkun prudenti li tingħata lista individwali però ma jsib ebda diffikultà li jagħti l-pakkett rimunerattiv ta' kull grad fl-NAO hekk kif stabbilit fil-*Collective Agreement*. Ta' min jgħid ukoll illi l-*accounts* tal-Uffiċċju huma *audited* minn entità ta' awdituri privati li jiġu appuntati mill-Kumitat Parlamentari Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li jagħmel skrutinju tal-operat tal-NAO. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għalhekk ma jsib ebda diffikultà li anki jippubblika l-*audited accounts* tiegħu hekk kif ippreżentati lil dan il-Kumitat sena wara sena. L-Uffiċċju jikkonferma wkoll li l-uffiċjali kollha tiegħu ġew ingaġġjati wara proċess ta' skrutinju li f'kull każ kien jinkludi *interview* kif ukoll, f'ċerti karigi, anki eżami bil-miktub. Ma jsibu ebda diffikultà li l-Onor. Interpellant, kumdità tiegħu, jmur l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u b'mod kunfidenzjali, jingħata aċċess għal dokumenti kollha relatati ma' dawn il-proċessi biex iserraħ moħħu li kollox sar kif suppost.

Seduta 359
22.02.16